# Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

**Imhallef : Onor. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tat-3 ta' Awissu 2001**

**Fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1380/01 GC fl-ismijiet:**

**Ingrid Saliiba**

**vs**

**Taborda Investments Limited**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Ingrid Saliba fejn gie premess:

Illii permezz ta' rikors taghha ta' l-10 ta' Mejju 2001, l-esponenti talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex, in vista ta' kreditu taghha superjuri ghas-somma ta' erba'elef lira Maltin (Lm4,000), is-socjeta' intimata tigi inibita milli tbiegh jew titrasferixxi b'titolu personali jew reali u milli tipoteka jew taggrava bi privileggi il-propjeta' immobbli hemmhekk deskritta;

Illi din l-Onorabbli Qorti, wara li laqghet provvizorjament it-talba ta' l-esponenti tat il-fakolta' lis-socjeta' intimata li tirrispondi l-imsemmi rikors, kif din hekk ghamlet fis-16 ta' Mejju 2001;

Illi fis-17 ta' Mejju 2001, din l-Onorabbli Qorti provdiet billi "Peress li ma jirrizultax lanqas prima facie li r-rikorrenti halset Lm5,000 fuq il-konvenju rigwardanti l-penthouse; Peress illi ghalhekk ma jirrizultax li l-hrug ta' dan il-mandat hu mehtieg; Tipprovdi b'mod definittiv billi tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha ta' l-10 ta' Mejju 2001 u billi tichad it-talba."

Illi l-esponenti thoss illi din l-Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha fuq citata a bazi ta' dikjarazzjonijiet tas-socjeta' intimata li mhumiex konfermat bil-gurament, u li huma ghal kollox inveritieri u intizi biss sabiex iqarrqu bl-istess Onorabbli Qorti, bi pregudizzju kbir ghall-esponenti;

Illi l-qerq u l-iskorrettezza tas-socjeta' intimata fir-risposta taghha huwa l-aktar manifest fejn tirreferi ghall-allegati permessi ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar relattivi ghall-penthouse de quo;

Illi s-socjeta' intimata tallega li l-penthouse hija koperta bil-permess numru 3671/95 izda din l-asserzjoni m'ghandhiex mill-verita' ghaliex;

(a) Il-permess indikat mhux relattiv ghall-istess penthouse mertu tal-vertenza bejn il-partijiet. Filwaqt li l-penthouse mertu tal-kawza tinsab fi Triq l-Iskuna, il-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar, il-permess li pprezentat is-socjeta' intimata jirreferi ghal penthouse ghal kollox differenti fi Triq il-Porzjunkola, il-Qawra (site plan anness u mmarkat bhala Dok. IS 1);

(b) Ghall-blokk bini li fih tinsab il-penthouse mertu tal-kawza hemm applikazzjoni u permess separati ma' l-Awtorita ta' l-Ippjanar li jgibu n-numru 6172/96 (site plan anness u mmarkat bhala Dok. IS 2). Izda, kif jirrizulta mill-pjanti dettaljati ta' l-izvilupp in kwestjoni (Dok. IS3) dawn huma ghal "Four Flats plus underlying garages" u ghalhekk ma jinkludux il-penthouse innifisha. Dan jikkonferma dak li mill-bidu allegat l-esponenti li l-penthouse de quo mhix koperta bil-permessi relattivi.

Illi s-suespost huwa biss ezempju wiehed ta' kif is-socjeta' intimata qieghda tipprova tbengel il-fatti kif jaqbel lilha u l-esponenti, fil-kawza li hemm pendenti bejn il-partijiet, bi hsiebha tressaq jixhdu persuni li kienu prezenti waqt l-iffirmar ta' l-iskritturi, fosthom lill-avukat Dottor Ivan Sammut, sabiex jikkonfermaw illi l-intenzjoni tal-partijiet kienet minn dejjem li l-hamest'elef lira (Lm5,000) jkunu applikati ghat-tieni konvenju. Kien proprju ghalhekk li giet iffirmata t-tieni skrittura immedjatament wara r-rexxizjoni tal-konvenju originali. Li ma kienx hekk ma kienx ikun hemm skop fi skrittura ohra bl-istess data "il-partijiet jiddikjaraw li l-hamest'elef lira Maltin (Lm5,000) ikunu applikati ghat-tieni konvenju. Kien propju gahlhekk li giet iffirmata t-tieni skrittura immedjatament wara r-rexxizjoni tal-konvenju originali. Li ma kienx hekk ma kienx ikun hemm skop fi skrittura ohra bl-istess data "il-partijiet jiddikjara li l-hamest'elef lira Maltin (Lm5,000) mahruga minn Ingrid Saliba fuq il-konvenju permezz ta' cekk numru 193 fuq HSBC Bank Malta p.l.c. inhargu personalment minn Ingrid Saliba kif jirrizulta mill-istess cekkk, ghaliha u ghall-imsemmi Andrew Borg." (Dok. IS 4) Dan sar propju ghaliex Ingrid Saliba wahidha kienet qieghda tpoggi d-depozitu fuq it-tieni konvenju;

Illi sabiex din l-Onorabbli Qorti tistabilixxi jekk, imqar prima facie, l-esponenti ghandhiex jedd li tikkawtela l-kreditu li qieghda tippretendi l-esponenti tissuggerixxi li l-istess Qorti tisma' lill-partijiet bil-gurament sabiex anke jkun jista' jsirilhom il-kontro-ezami opportun taht il-kontroll ta' din l-Onorabbli Qorti;

Ghalhekk ir-rikorrenti talbet, in vista tas-suespost, li din il-Qorti joghgobha tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tas-17 ta' Mejju 2001 fuq citat, u tilqa' definittivament it-talba ta' l-esponenti ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjeta' intimata, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi;

Rat l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni in kwestjoni numru 1308/01 debitament annessi ma dawn l-atti;

Semghet ix-xhud prodott mir-rikorrenti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Lulju 2001;

Ikkonsidrat :

Ir-rikorrenti bil-presenti rikors qed titlob li jigi revokat "contrario imperio" d-digriet ta' din il-Qorti 17 ta' Mejju 2001 li permezz tieghu gie michud il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1308/01 u dan billi tigi akkolta definittivament it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta' l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjeta' intimata;

Jista jigi rilevat, mill-ewwel, li din mhux il-procedura li kellha tirrikorrei ghaliha r-rikorrenti. Talba bhal din kellha ssir per via ta' citazzjoni. Apparti dan jista jinghad li ma jirrizulta xejn gdid minn meta inghata id-digriet in kwestjoni u cioe dak tas-17 ta' Mejju 2001 li permezz tieghu gie michud il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni in kwestjoni. Mit-termini stess tal-imsemmi digriet jidher li dak kollu li gie premess dwar il-permessi tal-bini hu ghal kollox irrilevanti. Inoltre jidher li l-premessi l-ohra kollha tar-rikorrenti gew kollha konsidrati qabel ma nghata l-istess digriet. Id-deposizzjoni tax-xhud prodott mir-rikorrenti ma jbiddel xejn ghar-rigward tal-konsiderazzjonijiet li wasslu ghall-istess digriet;

In vista ta' dan kollu t-talbiet tar-rikorrenti ma jistghux jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Spejjez kontra r-rikorrenti.